KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 50

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

It-Tlieta 28 ta' Ottubru, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa Sala Golden Oriole, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:05 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Dott. Desirei Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

50.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, u mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sabiex jinfurmaw li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa minħabba impenji oħra.

50.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

50.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 49 li nżammet nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

50.2.2 Il-President xtaq jiġbed l-attenzjoni li l-paragrafi numru 49.3.4 u 49.3.5 kienu qed jgħidu l-istess ħaġa u għal din ir-raġun talab l-approvazzjoni sabiex 49.3.5 jitneħħa.

50.2.3 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sekondata mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti.

## 50.3 *Komunikazzjoni mill-President*

- ***Aġġornament fuq il-Kuntratt ta' l-iskart***

50.3.1 Il-President informa lill-membri kif matul l-aħħar xahar ma kienx hemm tibdil kbir u kif is-sistema tad-DVR baqgħet ma toperax. Hu spjega kif wara diversi ġimgħat l-aċċess għall-maġġoranza, u mhux kollha, ta' din is-sistema, dawn kienu qed jerġgħu jiffunzjonaw minn nhar it-Tnejn 20 t'Ottubru 2025. Hu spjega wkoll kif sadanittant il-Waste Manager qed isegwi kontinwament biex jara li s-sistema qedha taħdem kif suppost. Is-Sur Chircop qal kif qed ikun hemm *improvement* imma xorta waħda mhux qed tkun effettiva u kif suppost.

50.3.2 Hu spjega kif fuq parir ta' l-avukat, ir-Reġjun għandu jibqà jaqta l-persentaġġ ta' 10% fuq il-pagament dovuti kull xahar u kif l-avukat ukoll kien ikkonferma li ma kienx hemm il-ħtieġa li dawn il-pagamenti li qed jinżammu f'kont separat tar-Reġjun, jitpoġġew l-qorti.

50.3.3 Is-Sur Chircop informa wkoll kif it-talba sabiex tiġi approvata l-multa kienet għadha ma ngħatatx mid-Dipartiment tal-Kuntratti u mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u s-Segretarju Permanenti. Hu qal kif intbagħtu diversi tfakkiriet b'emejl pero r-Reġjun kien għadu bla risposta.

50.3.4 IS-Sur Chircop qal ukoll kif l-avukat tar-Reġjun li qiegħed jieħu ħsieb dan il-każ reġa sostna li ladarba r-Reġjun ma kienx firmatorju fil-kuntratt ta' dan is-servizz, m'għandux ikun hemm diffikulta.

50.3.5 Is-Sur Chircop qal ukoll kif sadanittant kien hemm laqgħa li nżammet mal-Kuntrattur fil-preżenza tiegħu, tas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, il-Waste Manager tar-Reġjun u l-President tal-Assoċċjazzjoni tal-

Kunsilli Lokali, is-Sur Mario Fava. Hu spjega kif waqt din il-laqgħa l-kuntrattur spjega li kien hemm problema ta' *hacking* fis-sistema tad-DVRs u li għandha tiġi riżolva pero l-problemi baqgħu hemm.

50.3.6 Is-Sur Chirop qal ukoll kif nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru 2025, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-Waste Manager flimkien ma' l-avukat, kienu preżenti għas-seduta tal-qorti. Hu qal kif meta kienu qed jistennew li tiġi msejħa s-seduta, l-kuntrattur avviċinah biex jitolbu jaslu għall-kompromess u jiġu mwaqfa l-multi imposta. Hu qal kif wieġbu li l-multi kienu ser jieqfu jekk il-problemi li kien hemm u għad hemm jiġu ndirzzata.

50.3.7 Is-Sur Chircop qal kif qabel eżatt ma bdiet is-seduta, il-kuntrattur tkellem mal-avukat u fil-pront daħlu għas-seduta.

50.3.8 ***17:14pm – s-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, wasal għal din il-laqgħa.***

50.3.9 Is-Sur Chircop qal kif waqt is-seduta l-avukat li qed jirrappreżenta l-kuntrattur ressaq ittra li kienet intbagħtet lill-Kuntrattur biex jiġi mgħarraf fuq il-multa u talab sabiex il-persuna li kienet iffirmat din l-ittra tikkonferma l-firma.

50.3.10 Peress li l-firma kienet tas-Segretarju Eżekuttiv, hi ikkonferma li l-firma kienet tagħha u tellaha biex tixhed sabiex ikun jistà jressaq domandi relatati ma' dan id-dokument.

50.3.11 Is-Sur Chircop qal kif is-Sa Galea telgħet tixhed u ikkonfermat li dik kienet l-ittra mibgħuta minnha f'isem ir-Reġjun u wara li kienet ġiet diskussa u ppreparata mill-avukat tar-Reġjun.

50.3.12 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, staqsa jekk id-Direttur tal-Kuntratti jafx b'din il-kawża.

50.3.13 Is-Sur Chircop spjega kif id-Direttur tal-Kuntratti mhux qed jiġi msejjaħ għal din il-kawża peress li l-kawża qed tgħajjat lill-Kunsill Reġjonali Lvant, lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u lis-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali.

50.3.14 Is-Sur Dalli staqsa jekk ir-Reġjun kienx talab il-permess lil min kien iffirma dan il-kuntratt dwar il-multi li kienu qed jinħarġu. Hu staqsa wkoll jekk kienx hemm ximkien fil-miktub fil-kuntratt li r-Reġjun jistà jmexxi bil-multi.

50.3.15 Is-Sur Chircop qal kif ir-Reġjun m'għandu xejn minn dan. Hu kompla jgħid kif meta l-kuntratt ikollu ċertu valur, is-sejħa trid tinħareġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti

50.3.16 Hu kompla jgħid li d-dokumenti kollha ġew ppreparati u kif waqt is-seduta l-avukat tal-kuntrattur skuża ruħu li ma kienux leħqu raw id-dokumenti li kienu ppreżentati mir-Reġjun.

50.3.17 Is-Sur Dalli qal li wieħed irid joqgħod attent li ma jsirx xogħol li mhux mistenni minna.

50.3.18 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, staqsa jekk ir-Reġjun kienx iffirmat xi kuntratt u fil-kuntratt jekk kienx hemm x'jindika min ser ikun qed imexxi dan il-kuntratt.

50.3.19 Is-Sur Chircop reġa nforma li dan ir-Reġjun qatt ma ffirma kuntattur. Hu qal kif bħala Reġjun, għandu l-obbligu li jopperah.

50.3.20 Is-Sur Dalli staqsa min hu l-avukat li qed jirrappreżenta lir-Reġjun fuq dan il-każ.

50.3.21 Is-Sur Chircop infurmah kif is-Sur Clement Mifsud Bonnici huwa l-avukat li qed jieħu ħsieb dan il-każ.

50.3.22 Is-Sur Chircop kompla jgħid kif dawn għadhom qed jgħamlu d-defiża tagħhom u r-Reġjun għadu ma ngħatax l-opportunità li jressaq il-kummenti tiegħu. U qal li peress li l-avukat tagħhom ma kienx ippreparat, qabad mad-dokument iffirmat mis-Segretarju Eżekuttiv.

50.3.23 Is-Sur Chircop qal kif fix-xhieda tagħha, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif dak kollu li jiġri fuq kull ħaġa u b'mod speċjali fejn jidħol dan il-kuntratt, ir-Reġjun kollu dejjem kien infurmat, sa din il-laqgħa stress, b'dak kollu li kien qed jiġri.

50.3.24 Is-Sur Chircop informa lill-membri preżenti kif is-seduta li jmiss ser tkun f'Jannar li ġej peress li minn naħa tal-kuntrattur għadu ma jixtieqx jgħalaq id-difiża tiegħu.

50.3.25 Is-Sur Pillow staqsa jekk ir-Reġjun baqax innaqqas il-multa mill-kontijiet dovuta lill-Kuntrattur.

50.3.26 Is-Sur Chircop ikkonferma li dan baqa jiġi mnaqqas kull xahar. Hu qal li sfortunatament progress ma kienx hemm u ħeġġeġ lil dawk il-Kunsilli li għandhom xi problema fis-servizz u li jħossu li għandha tiġi ndirizzata, ir-Reġjun jistà jikkordina laqgħa mal-Kuntrattur fil-preżenza tas-Sur Fava sabiex nippruvaw naslu għal kompromess u l-problema kkonċernata tiġi indirizzata. Hu fakkar li fuq parir mill-avukat tar-Reġjun, dawn il-laqgħat dejjem qed isiru mingħajr preġudizzju.

50.3.27 Is-Sur Chircop fakkar kif fil-laqgħa preċedenti hu kien esprima l-ħsieb li tinżamm konferenza stampa bħala Reġjun sabiex il-pubbliku jitfakkar fuq kif inhuma r-responsabilitajiet marbutin ma' dan il-kuntratt. Hu qal kif għad hawn nuqqas ta' konoxxenza dwar ir-responsabilitajiet tar-Reġjun, tal-Kuntrattur, tal-Kunsill u CSD. Hu għamliha ċara kif ċertu siti li huma kkunsidrata bħala *dumping sites* mhumiex fir-responsabilità tal-kuntrattur. Hu fakkar li l-Kuntrattur huwa responsabli mid-*door-to-door collection* u li jimxi skond l-iskeda ta' l-iskart.

50.3.28 Hu kompla jgħid kif meta dan il-punt kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun, kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex ir-Reġjun jikseb iktar informazzjoni dwar il-proġett pilota li l-Gvern kien għadu kif ħabbar mal-Kunsill Lokali tas-Swieqi u l-Belt biex b'hekk ikun f'pożizzjoni aħjar dwar kif din tistà tiġi ndirizzata.

50.3.29 Is-Sur Chircop qal kif hu kien ivverifika dwar dan u kien ġie infurmat li l-ewwel laqgħa kienet inżammet nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2025 u kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat. Hu qal kif il-Ministru ma kienx preżenti u kif f'din il-laqgħa huma kienu ġew infurmata biex għalissa ma jiddiskutux din l-informazzjoni ma ħaddieħor. Għal din ir-raġuni, is-Sur Chircop qal li hu xorta jixtieq li r-Reġjun ikollu l-opportunità li jmexxi b'din il-konferenza stampa u għamel referenza għal kif għandhom jiġu spjegati l-irwol ta' kull min hu involut. Hu kompla jgħid kif iż-żmien biex jitkelmu mhux idejali minħabba affarijiet aktar importanti li jkunu qed jolqtu l-pajjiż u staqsa jekk kienx hemm qbil sabiex jiltaqgħu u jkun hemm direzzjoni ta' kif ser jipproċedi r-Reġjun dwar dan.

50.3.30 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, qal kif dak li kien qed jingħad f'din il-laqħa kien differenti minn dak li ntqal fil-laqgħa preċedenti u hu rrakomanda sabiex il-konferenza stampa tinżamm mill-Presidenti kollha tar-Reġjuni.

50.3.31 Is-Sur Chircop qal kif il-President tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana flimkien mas-Sindki kollha fi ħdan ir-Reġjun tiegħu għamlu konferenza stampa dwar dan is-suġġett bi ħgarhom u qalu li kellhom jgħidu. Għal din ir-raġuni hu qal kif hu ħass li dan ir-Reġjun għandu jgħamel l-istess pass sabiex tiġi ċċarata l-irwoli ta' kull min hu involut.

50.3.32 Is-Sur Pillow qal kif dan is-suġġeriment kien ressqu hu f'laqgħa preċedenti madwar sitt xhur ilu.

50.3.33 IS-Sur Chircop tenna mill-ġdid li x-xewqa tiegħu kienet li permezz ta' din il-konferenza stampa, ir-Reġjun ikollu l-opportunità li jiċċara l-affarijiet. Hu qal kif li wieħed jirċievi telefonati b'insulti, u jgħidu li r-Reġjun mhu qed jgħamel xejn imbasta ġie mgħobbi bir-responsabilità.

50.3.34 Is-Sur Pillow qal kif l-amministrazzjoni tal-Kunsill tiegħu għandhom ordni li problem relatati ma' l-iskart jiġu mgħoddija lir-Reġjun. Hu qal kif il-Kunsill m'għandux din ir-responsabilità avolja r-Reġjun ma tantx għandu saħħa. Hu tenna li l-Kunsill m'għandu x'jaqsam xejn u kif dan hu minnu peress li l-flus qed imorru għand ir-Reġjun u mhux għand il-Kunsilli.

50.3.35 Is-Sur Chircop qal kif il-kuntratt kien maħruġ fuq ir-Reġjun imma l-amministrazzjoni tiegħu hija ta' kull Kunsill Lokali. Hu fakkar lill-membri fic-*chats* li kienu ġew krejati ma' kull Kunsill Lokali flimkien mal-Kuntrattur, u kienu nżammu laqgħat ma' dawk li qatt ma kellhom is-servizz ta' dan il-kuntrattur, u kien hemm qbil fuq il-ħin ta' ġbir biex b'hekk ikun hemm kuntatt mal-kuntrattur biex is-servizz ikun tajjeb.

50.3.35 ***17:29pm – is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Mariah Meli, waslet għal din il-laqgħa.***

50.3.36 Is-Sur Chircop qal kif il-kuntrattur qallu li ma ċerta Kunsilli Lokali kien qed jaħdem mingħajr problem filwaqt li m'oħrajn ma setax jaħdem. Dan ifisser li dan is-sentiment kien l-istess miż-żewġ naħat. Hu spjega kif riċentament, waqt li kienu qed jaslu għall-konklużjoni fuq il-*workplan,* kien hemm bdil drastiku li ma kienx mistenni.

50.3.37 ***17:31pm – il-Viċi Sindku tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, waslet għal din il-laqgħa.***

50.3.38 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, staqsa jekk ittieħditx deċiżjoni dwar il-konferenza stampa.

50.3.39 Is-Sur Selvaggi xtaq iressaq żewġ punti fuq dak li kienu għadu kif intqal. Hu qal kif kien qed jifhem il-punt li kien qed iressaq is-Sur Pillow u qal kif fl-opinjoni tiegħu, l-konferenza stampa m'għandhiex issir bħala Reġjun imma r-Reġjuni kollha flimkien peress li għandhom l-istess problema.

50.3.40 Is-Sur Chircop esprima diżappunt li ma kienx hemm l-kapaċita li jkun hemm qbil bejn il-membri preżenti dwar dan. Hu żied jgħid li r-rappreżentanti ser jibqgħu jgħaddu l-messaġ li r-responsabiltà mhux tal-Kunsill imma tar-Reġjun biss, umbad ir-Reġjun ser ikun qed jimxi mod ieħor. Hu qal kif ma jistgħux l-Kunsilli jfarfru r-responsabiltà minn fuqhom u kif meta r-Reġjun jipprova jgħin, ir-Reġjun jiġi mċanfar li qed jiħol wisq fir-responsabilità tal-Kunsill umbad xi ħaġa ta' nuqqas tintefa fuq ir-Reġjun waħdu.

50.3.41 Is-Sur Pillow qal kif fil-kuntratt kien hemm il-ħinijiet tal-ftuħ tal-faċilità tal-Wasteserv u kif meta, bħala Kunsill, talbu mill-ewwel ġurnata l-ġabra għandha tibda aktar tard mill-ħin li kellhom qabel, ma kienx hemm kooperazzjoni u dan ma seħx. Hu spjega kif il-President kien għadu kif qal li l-Kunsill għandu s-saħħa u għal din ir-raġuni hu talab sabiex din isseħħ.

50.3.42 Is-Sur Chircop reġa għamel referenza għad-dokument li kien bagħat lis-Sindki fejn spjega l-obbligi ta' kulhadd inkluż tal-kuntrattur. Jekk kull problema li ser tinqala ser tiġi mressqa għand ir-Reġjun, ir-Reġjun ikollu jimxi mod ieħor. F'dan id-dokument qal ukoll fin-nuqqas ta' poteri li għandu r-Reġjun. Hu qal kif meta t-Tramuntana għamlu l-konferenza stampa, kien hemm il-preżenza tal-Kunsilli Lokali kollha li jaqgħu fi ħdanu u b'hekk uriet li hemm għaqda bejn kulħadd.

50.3.43 Is-Sur Pillow reġa fakkar fil-każ ta' tas-Sliema baqà l-istess avolja kien hemm diversi laqgħat inkluż ma' l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli u d-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali. Għalhekk hu reġa staqsa x'seta jgħamel aktar minn hekk biex xi darba l-kollezzjoni f'tas-Sliema tibda skond it-talba tal-Kunsill u mhux qed jibda aktar kmieni mill-ħin stabillit.

50.3.44 Is-Sur Chircop għamel referenza għal *work plan* u fakkar lil kull min kien preżenti kif il-Waste Manager tar-Reġjun kien avviċina lil kull Kunsill Lokali biex kulħadd jikkonferma l-*work plan.* Hu spjega kif waqt li kien qed isir dan il-proċess, sar xi ftehim li l-ġabra, bħal fil-każ tal-Għargħur li kienet inbidlet għall-filgħaxija, il-Għargħur espremew li jixtiequ jerġgħu jaqilbuh għal filgħodu. Hu kompla jgħid kif ittieħdet deċiżjoni fil-Kunsill tagħhom biex il-ġabra terġa ssir filgħodu. Hu qal kif kien hemm ġa diskors mal-kuntrattur sabiex din tibda ssir filgħodu. Hu qal kif ladarba d-deċiżjoni kienet ittieħdet, ma deherlux li għandu jwaqqafhom, imma minn naħa tiegħu, u kif kien għamilha ċara fil-komunikazzjoni tiegħu lis-
50.3.45 Sindku ta' Ħal Għargħur, hu infurmaha li jekk ser isir filgħodu, wara li ċ-ċaqlieq l-ieħor kien sar għal raġuni fejn ma kellux biżżejjed riżorsi biex jaqdi lill-kulħadd fl-istess ħin, il-kuntrattur issa qed jgħati verżjoni differenti fejn informa lill-Kunsill li għandu biżżejjed biex jaqdi lil kulħadd.

Hu kompla jgħid kif hu ma sab l-ebda diffikulta dwar dan il-bdil pero jekk ser ibagħti xi ħadd mill-Kunsilli Lokali l-oħra konsekwenza ta' din iċ-ċaqlieqa, umbad mhux ser ikun qed iġorra r-Reġjun. Għal din ir-raġuni hu spjega kif hu qed ikollu dubji mill-kuntrattur peress li fejn irid ibiddel u fejn irid ma jirrangax.

50.3.46 Il-Viċi President tar-Reġjun u Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit issuġġerixxa li problemi rikorrenti dwar dan is-suġġett qed jispiċċa jintuża l-maġġoranza tal-ħin tal-laqgħa, tliet kwarti tal-lokalitajiet inkluż Ta' Xbiex, m'għandux dawn il-problemi, u l-membri qed jispiċċaw jiddiskutu dejjem fuq l-iskart.

50.3.47 Is-Sur Dalli qal kif dan kien ix-xogħol tar-Reġjun.

50.3.48 Is-Sur Zammit qal li d-diskussjoni kieent daret fuq aspett individwali u ma baqgħitx Reġjonali u kif l-iskop tar-Reġjun kien qed jintilef.

50.3.49 Is-Sur Chircop qal kif hu jixtieq li jkun hemm djalogu aħjar fuq is-sitwazzjoni ta' Tas-Sliema.

50.3.50 Is-Sur Chircop reġa qal kif jekk għandha ssir konferenza stampa, xorta waħda m'għandhiex issir xahar ieħor pero talab biex sadanittant ikun hemm laqgħa.

50.3.51 Is-Sur Max Zammit qal kif hu xtaq li jingħataw aktar informazzjoni fuq il-proġett pilota li ser ikun qed isir mas-Swieqi qabel ma r-Reġjun jieħu pożizzjoni.

50.3.52 Is-Sur Chircop reġa spjega kif skond is-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat, l-ewwel laqgħa kienet inżammet ftit ta' ġranet ilu u kif dawk preżenti ġew mitluba biex ma jmexxux dak li qed jiġi diskuss f'dawn il-laqgħat.

50.3.53 Is-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Mariah Meli, xtaqet tgħaddi l-kumment tagħha fuq dak li kien qal il-President dwar il-bdil tal-ħin tal-ġbir fil-Għargħur. Hi spjegat kif hi kienet qed tara li l-fatt li l-ġbir qed isir kmieni filgħaxija kien qed ikun hemm diversi problemi. Hi semgħet il-kummenti tan-nies u osservat il-ġbir kif kien qed isir, u talbet sabiex il-ġabra issir aktar tard filgħaxija. Pero l-kuntrattur infurmaha li dan ma setax isir minħabba kwistjoni ta' kolletturi u *overtime*.

50.3.54 Is-Sa Meli kompliet tispjega kif il-*work plan* tal-Għargħur kienet ġiet diskussa waqt laqgħa fil-preżenza tal-kuntrattur u l-Waste Manager tar-Reġjun u għamlitha ċara li ma kien hemm l-ebda diskussjoni diretta mal-kuntrattur u ma qabżet lil ħadd. Hi qalet kif iddiskutew il-problema tal-ħin u l-problemi li hemm fil-Għargħur fejn jitħalla ż-żibel u staqsietu għalfejn issa il-kuntrattur ser ikun komdu jiġbor filgħodu u qabel ma kienx qed iżomm mal-ħin. Hi spjegat kif il-kuntrattur infurmaha li mill-bidu ta' dan il-kuntratt għalissa, hu kien żied ir-riżorsi. Għaldaqstant din telgħet f'laqgħa tal-Kunsill u l-Kunsill mexa mad-deċiżjoni meħuda.

50.3.55 Il-President informa lill-membri kif qed isir eżerċizzju intern sabiex naraw li l-baġit għas-sena 2026 ikun jistà jiġi ppjanat aħjar bl-involviment ta' kulħadd. Hu qal kif għal din ir-raġuni, fil-laqgħa ta' Novembru ser ikunu preżenti l-Maniġers tar-Reġjun sabiex jgħatu preżentazzjoni ta' x'proġetti kollaborattivi li jixtiequ jaraw li jiġu implimentata u talab lill-membri sabiex jieħdu din l-opportunità biex jiġi mressqa l-ideat tagħhom ukoll u b'hekk ikun jistà jiġi fformulat l-baġit tas-sena d-dieħla mod aħjar.

50.3.56 Il-President qal ukoll kif dis-sena kien hemm nuqqas minn naħa tagħhom sabiex isir pjan aħjar ta' fejn ser ikun hemm il-Kunsill Reġjonali jikkontribwixxi f'għajnuna ta' vjaġġar għall-parteċipazzjoni t'attivitajiet bħal rappreżentanza fil-*European Region of Cities and Region.* Hu qal kif dis-sena bi żvista ma kienx hemm parteċipazzjoni minn dan ir-Reġjun fl-edizzjoni ta' din is-sena.

50.3.57 Is-Sur Chircop spjega kif hu ma kienx għal kollox konvint, mhux minn nies ta' dan ir-Reġjun, u sabiex mhux imbilli wieħed jimpressjoni ruħu dwar kif ħafna Reġjuni oħra tellgħu delegazzjoni kbira. Hu spjega kif biex ittella delegazzjoni bi flus tar-Reġjun għal xalata, ma kienx ireġi. Hu qal kif bħala Reġjun dejjem telgħu u persważ li kienu responsabbli. Hu qal kif iddispjaċieh li dis-sena bi żvista din ma leħqitx ġiet organizzata u qal kif qabel l-AKL kienu jinfurmaw lir-Reġjun minn qabel u jilħqu jibbukjaw it-titjirijiet.

50.3.58 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni kif qabel din kienet tkun organizzata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u kif is-sena preċedenti hi kienet leħqet ibbukjat it-titjiriet bl-eżatt qabel ma l-ajruplan kien mimli.

50.3.59 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Dalli, spjega kif hu kien attenda s-sena li għaddiet għal dan l-avveniment u kif il-*booking* għal dawn is-sezzjonijiet ikunu mimlija malli tkun miftuħa pero hu qal kif il-laqgħat li kien irnexxielu jattendi kien ta' interess u kif grupp minnhom għadu sa llum stress f'komunikazzjoni miegħu dwar dak li hu għaddej.

50.3.60 Il-President qal kif fil-baġit dawn iridu jiġu ikkunsidrata.

50.3.61 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif il-baġit ta' din is-sena kien naqra baxx u qal kif is-sena d-dieħla nieħdu ħsieb biex mhux ikun esaġerat.

50.3.62 Is-Sa Meli qalet li jaf kien hemm xi *misunderstanding* li f'xi ħin qabżet lil xi ħadd waqt li kienet qed tiġi diskussa din id-deċiżjoni pero hi spjegat kif din id-diskussjoni saret fil-preżenza ta' rappreżentant mir-Reġjun. Hi qalet ukoll kif għamlita ċara mal-kuntrattur li ma jmurx lura minn kelmtu wara li aċċerta li hu kellu r-riżorsi.

50.3.63 Il-President żied jgħid kif kien hemm qbil li din il-bidla tibda mill-1 ta' Diċembru u jittama li ma jkunx hemm problemi f'lokalitajiet oħra peress li hu diġa jaf li hemm lokalitajiet oħra li l-ġabra qed tibda filgħodu u jdum sa tard wara Nofsinhar biex il-ġabra fil-lokalità tkun lesta.

50.3.64 Il-President qal kif l-eżerċizzju tal-ħinijiet kien beda peress li r-Reġjun kellu jistabilixxi l-*work plan* li suppost kellha ssir fit-2023 u biex wieħed jara jekk din kienitx valida biex tiġi sottomessa għax kienet waħda mill-kundizzjonijiet li l-kuntrattur kien qed jiġi mmultat fuqha. Hu qal kif hu ma ppretendiex li dak li telqu bih dakinhar għandu jiġi mibdul issa u għal din ir-raġuni, hu għamilha ċara li jekk ikun hemm xi problemi jew nuqqas, il-Kunsilli għandhom jiġbdu l-attenzjoni peress li issa l-Kuntrattur qed isostni li issa għandu r-riżorsi biex jaqdi lill-Għargħur meta hu kien preżenti f'laqgħa ma' l-Imsida u l-kuntrattur kien qallu li ma kellux riżorsi biżżejjed biex iżid il-vetturi ġewwa l-Imsida. Hu qal ukoll kif fil-każ ta' tas-Sliema, il-kuntrattur kien mill-ewwel informa li ma riedx jikkunsidra li l-ġabra tinżamm tard filgħaxija. Għal din ir-raġuni, is-Sur Chircop staqsa jekk dan il-kuntrattur hux qed jaħdem bis-simpatija jew ser jaħdem kif inhu mistenni minnu.

50.3.65 Is-Sa Meli qalet kif din ma kinitx kwistjoni ta' simpatija u l-ftehim sar quddiem il-Waste Manager u l-ewwel ma talbet li l-ġabra ssir aktar tard milli kienet.

50.3.65 Is-Sur Chircop reġa tenna li jekk dan il-bdil ser ikun qed jaffetwa lokalitajiet oħra, ir-Reġjun ser ikun qed jintervjeni u jara li jsib il-bilanċ ir-Reġjun.

50.3.66 Is-Sur Max Zammit qal kif ir-Reġjun mhux qed jimxi mal-pjan b'rispett ta' l-AKL peress li s-Sur Fava qed iservi ta' medjatur.

50.3.67 Is-Sur Chircop qal kif il-kawża qed jgħamilha l-Kuntrattur kontra r-Reġjun u għalaq din id-diskussjoni billi qal li bħala Reġjun dejjem qed jimxi skond il-gwida ta' l-avukat li qiegħed fuq dan il-każ.

50.3.68 Is-Sur Selvaggi staqsa xinhi l-proċedura jekk bħala Kunsill Lokali jesprimu x-xewqa li l-ġabra taż-żibel fl-Imsida tibda ssir filgħaxija.

50.3.69 Is-Sur Chircop qal kif għandu kull dritt li jressaq din it-talba u jekk il-Kunsill qed jikkonsidra dan it-tibdil, il-Kunsill għandu jikteb formalment lir-Reġjun sabiex jibdew bid-diskussjonijiet għax bħal ma ċaqlaq x'imkien ieħor, il-Kuntrattur irid jakkomoda lokalitajiet oħra.

50.3.70 Hu reġa fakkar lill-membri preżenti sabiex dejjem iżommu lill-Waste Manager tar-Reġjun infurmat bil-problemi li jkun hemm dwar dan il-kuntratt.

50.3.71 Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Desirei Grech, qalet kif hi kienet għamlet kuntatt mal-Waste Manager tar-Reġjun dwar *hot spots* li għandhom fil-lokalità ta' Birkirkara.

50.3.72 Is-Sur Chircop qallha li dawn il-problemi dejjem jgħaddihom lill-uffiċjali ta' l-ERA u fakkar kif dan il-Manager dejjem jinforma lill-Kunsill meta dawn l-uffiċċjali jkunu qed iduru l-lokalità rispettiva.

## 50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

50.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 50.5 Rapporti

50.5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li għal din il-laqgħa kienu qed jiġu mressqa għall-kummenti u approvazzjoni r-rapporti ta' kull kwart ippreparati mill-Maniġers tar-Reġjun. Hu talab sabiex jgħatu titwila lejn dawn ir-rapporti.

50.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif dawn ir-rapporti kienu ntbagħtu flimkien ma' l-aġenda għal din il-laqgħa bil-ħsieb li dawn ikunu diġa ġew moqrija u l-membri din il-laqgħa jgħaddu l-kummenti tagħhom u jgħaddu għall-approvazzjoni.

50.5.3 Il-President staqsa jekk kienx hemm kummenti mill-membri preżenti u qal kif din tistà sservi ta' opportunitajiet biex il-membri jressqu s-suġġerimenti tagħhom.

50.5.4 Is-Sur Stefano Savo qal kif hu dejjem sabhom t'għajnuna kull darba li kien hemm bżonn.

50.5.5 Is-Sur Max Zammit qal kif hu jixtieq li jħeġġiħom iduru aktar fit-toroq tal-lokalitajiet biex ikollhom idea aħjar ta' dak li jkun qed jiġri.

50.5.6 Il-President qal kif hu qabel mal-kumment tas-Sur Zammit pero qal ukoll li r-rieda trid tiġi miż-żewġ naħat. Hu qal kif hemm ċerta Kunsilli li ma jkun hemm l-ebda *feedback* meta jkun il-bżonn.

50.5.7 Is-Sur Zammit ġab eżempju bil-Maniger tal-kultura fejn kien hemm problema fil-Kunsill u qal kif il-Maniġer ġie dirett il-Kunsill u l-problema kienet ġiet solvuta.

50.5.8 Is-Sur John Pillow semma il-każ tiegħu fejn kien hemm problema fuq trakk taż-żibel u kif il-Maniger tal-Waste kien talab lis-Sindku jiċċekjalu dwar dan il-van filgħaxija. Is-Sur Pillow qal li ma hasx li din kienet ir-responsabilità tiegħu u kif, fl-iopinjoni tiegħu, kellu jkun il-Maniger stess li jkun preżenti biex jara din il-problema.

50.5.9 Is-Sa Grech qalet kif il-Maniġers dejjem sabithom ta' l-għajnuna meta kien hemm bżonn pero rreferiet għal każ mingħajr ma ghamlet referenza għal ismijiet, fejn kien kemm komunikazzjoni u spiċċat saret mal-Kunsillier. Hi talbet biex meta jkun hemm talba għal xi laqgħa jew informazzjoni, il-komunikazzjoni għandha dejjem tasal għand is-Segretarju Eżekuttiv ukoll. Hi qalet kif il-laqgħa li kienet inżammet kienet dwar attività partikolari.

50.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-prassi tar-Reġjun dejjem hi li kull komunikazzjoni dejjem tintbagħat lill-*generic* email tal-Kunsill u, skond is-suġġett, jiġu kkupjati s-Sindku u s-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsill rispettiv. Hi qalet ukoll kif ma kelliex informazzjoni fuq dan il-każ pero aċċertat mill-ġdid li ser tkun qed tiġbed l-attenzjoni lill-Maniġers dwar dan.

50.5.11 Il-President qal li r-Reġjun ser jieħu nota ta' dawn il-kummenti u mill-ġdid talab li jkun hemm kooperazzjoni. Hu qal ukoll li jekk il-komunikazzjoni tkun qedha fuq suġġett partikolari, fil-komunikazzjoni tiegħu r-Reġjun jitlob li tkun indirizzata wkoll lill-Kunsillier responsabli minn dak il-fakulta.

50.5.12 Is-Sa Grech għamlet referenza għal preparazzjoni li qed issir għall-avveniment *O Holy Nights*, u spjegat kif il-komunikazzjoni waslet għand Kunsillier u saru d-deċiżjonijiet mingħajr ma kienet infurmata hi u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

50.5.13 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan l-avveniment kien qed jiġi msemmi u diskuss fil-laqgħat preċedenti tar-Reġjun u li f'dawn il-laqgħa s-Sa Grech ma kienitx preżenti. Hi spjegat kif l-informazzjoni dejjem kienet qed tingħata waqt il-laqgħat tar-Reġjun bil-ħsieb li l-kunsillier li kien qed jirrappreżenta l-lokalità tiegħu jwassal l-informazzjoni mgħotija.

- *Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2025*

50.5.14 Il-President ressaq fuq il-mejda dan ir-rapport li kien ġie ppreparat flimkien ma' l-accountant tar-Reġjun. Hu informa li l-accountant ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa tar-Reġjun biex tagħti spjegazzjoni u kif dan il-fatt kien ġie ikkomunikat lill-membri preżenti permezz ta' emejl fejn kienu anke ġew mitluba jressqu d-domandi tagħhom bil-miktub u jingħataw risposta waqt din il-laqgħa sad-data stipulata.

50.5.15 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma kienet waslet l-ebda komunikazzjoni mill-membri dwar dan u talbet l-approvazzjoni.

50.5.16 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

## 50.6 Postijiet Vakanti – EU/Local Funds Manager

50.6.1 B'referenza għas-sejħa għall-pożizzjoni ta' EU/Local Funds Manager, il-President informa kif il-bord żamm l-intervisti nhar it-Tnejn 6 ta' Ottubru 2025 mill-bord kompost minnu bħala Chairman, mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, u s-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

50.6.2 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun kien irċieva 4 applikazzjonijiet validi, pero tnejn biss kienu preżenti għall-intervista.

50.6.3 Il-President qal kif il-bord ressaq għall-approvazzjoni lis-Sa Martina Sammut għall-approvazzjoni.

50.6.4 Il-Membri preżenti approvaw din id-deċiżjoni.

## 50.7 Kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun

50.7.1 Il-President qal kif hekk kif kien miftihem fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, il-bord tal-Fondi u Finanzi kompost minnu flimkien mas-Sur Anthony Dalli u s-Sur Max Zammit kienu iltaqgħu għal laqgħa nhar it-Tnejn 6 t'Ottubru 2025 flimkien mal-accountant Romina Perici Ferrante u s-Segretarju Eżekuttiv.

50.7.2 Hu spjega kif waqt din il-laqgħa, kien ġie ppreżentat ir-rapport finanzjarju sa Settembru 2025 (l-istess rapport li kien għadu kif ġie approvat matul din il-laqgħa), il-membri pproponew li tinħareġ sejħa għal proġett ta' kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun għal żmien il-Milied. Hu qal kif kull Kunsill Lokali huwa intolat sa' massimu ta' €4,000 u din is-sena mhux ser tkun marbuta mad-dawl tal-Milied biss.

50.7.3 Din il-proposta ġiet approvata mill-membri preżenti.

50.7.4 Is-Sur Chircop informa li komunikazzjoni uffuċċjali ser tkun qed tintbagħat l-għada ta' din il-laqgħa lill-Kunsill Lokali sabiex ikunu infurmati u jimxu mal-linja gwida mgħotija.

50.7.5 Is-Sur Dalli staqsa jekk il-President kienx ser isemmi l-iskema finanzjarja l-oħra li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa tal-finanzi.

50.7.6 Il-President qal kif il-ħsieb tiegħu kien li din tiġi mħabbra qabel ma tiġi diskussa mal-Kunsilli biex naraw kif l-iskema ser tkun maħruġa mingħajr ma tagħlaq opportunitajiet ta' ideat.

50.7.7 Is-Sur Dalli ikkonferma li din għandha tiġi diskussa pero ma tistax tibqa tiġi posponuta peress li l-fondi jridu jingħataw qabel tmiem din is-sena biex dawn il-fondi ma jintilfux. Hu fakkar kif l-ammont kien ta' €15,000 lil kull Kunsill Lokali.

50.7.8 Is-Sur Chircop qal kif ix-xewqa tiegħu tkun kienet li dawn il-fondi jintużaw b'tali mod li jħallu impatt fuq ir-residenti. Din għandha tkun xi ħaġa bejn il-Kunsill u r-Reġjun biss u ta eżempju li jsiru bankijiet max-xatt, jew xiri ta' siġar.

50.7.9 Hu qal kif idealment dan għandu jkun proġett wieħed u mhux maqsum fi proġetti differenti kif ukoll ikun hemm dejjem l-emblema tar-Reġjun jew plakka fejn jidher li dan il-proġett sar bil-fondi tar-Reġjun b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

50.7.10 Is-Sur Chircop talab lill-Kunsilli sabiex jaraw kif jixtiequ li dawn jintefqu u t-talba tiġi mressqa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

50.7.11 Tressqu diversi domandi mill-membri preżenti u kien hemm qbil li l-proġett għandu jkun tanġibbli. Preferibbilment, dawn il-flus m'għandhomx jintnefqu fuq attivitajiet. Kif ukoll għandu jkun kollaborazzjoni bejn ir-Reġjun u l-Kunsill biss. Kien hemm qbil ukoll li l-emblema tar-Reġjun għandha tkun viżibli kemm fuq il-midja soċjali kif ukoll fejn ikun hemm il-proġett. Talbiet imressqa ser ikunu qed jiġu diskussa u approvata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss. Kien hemm qbil ukoll li konferma fuq il-proġett irid jingħata sa din is-sena u jistà jiġi implimentat matul is-sena d-dieħla.

50.7.12 Is-Sur Chircop offra lill-membri biex jgħamlu kuntatt mar-Reġjun f'każ li jkun hemm xi domandi dwar dan qabel il-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

50.7.13 Qed isir eżerċizzju internament sabiex naraw il-badgit 2026 kif jista jiġi ppjanat aħjar. Għal din ir-raġuni fil-laqgħa ta' Novembru ser ikolna preżentazzjoni mill-Managers tar-Reġjun b'ideat ta' proġetti kollaborattivi u qed nitolbukom sabiex dan l-eżerċizzju jsir minnkom ukoll.

50.7.14 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti kif il-Baġit ser ikun qed jiġi diskuss f'laqgħa mal-bord tal-fondi u finanzi fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru biex b'hekk jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni fil-laqgħa ta' Diċembru.

50.7.15 Il-President informa lill-membri kif qed isir eżerċizzju intern sabiex naraw li l-baġit għas-sena 2026 ikun jistà jiġi ppjanat aħjar bl-involviment ta' kulħadd. Hu qal kif għal din ir-raġuni, fil-laqgħa ta' Novembru ser ikunu preżenti l-Maniġers tar-Reġjun sabiex jgħatu preżentazzjoni ta' x'proġetti kollaborattivi li jixtiequ jaraw li jiġu implimentata u talab lill-membri sabiex jieħdu din l-opportunità biex jiġi mressqa l-ideat tagħhom ukoll u b'hekk ikun jistà jiġi fformulat l-baġit tas-sena d-dieħla mod aħjar.

50.7.16 Il-President qal ukoll kif dis-sena kien hemm nuqqas minn naħa tagħhom sabiex isir pjan aħjar ta' fejn ser ikun hemm il-Kunsill Reġjonali jikkontribwixxi f'għajnuna ta' vjaġġar għall-parteċipazzjoni t'attivitajiet bħal rappreżentanza fil-*European Region of Cities and Region.* Hu qal kif dis-sena bi żvista ma kienx hemm parteċipazzjoni minn dan ir-Reġjun fl-edizzjoni ta' din is-sena.

50.7.17 Is-Sur Chircop spjega kif hu ma kienx għal kollox konvint, mhux minn nies ta' dan ir-Reġjun, u sabiex mhux imbilli wieħed jimpressjoni ruħu dwar kif ħafna Reġjuni oħra tellgħu delegazzjoni kbira. Hu spjega kif biex ittella delegazzjoni bi flus tar-Reġjun għal xalata, ma kienx ireġi. Hu qal kif bħala Reġjun dejjem telgħu u persważ li kienu responsabbli. Hu qal kif iddispjaċieh li dis-sena bi żvista din ma leħqitx ġiet organizzata u qal kif qabel l-AKL kienu jinfurmaw lir-Reġjun minn qabel u jilħqu jibbukjaw it-titjirijiet.

50.7.18 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni kif qabel din kienet tkun organizzata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u kif is-sena preċedenti hi kienet leħqet ibbukjat it-titjiriet bl-eżatt qabel ma l-ajruplan kien mimli.

50.7.19 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Dalli, spjega kif hu kien attenda s-sena li għaddiet għal dan l-avveniment u kif il-*booking* għal dawn is-sezzjonijiet ikunu mimlija malli tkun miftuħa pero hu qal kif il-laqgħat li kien irnexxielu jattendi kien ta' interess u kif grupp minnhom għadu sa llum stress f'komunikazzjoni miegħu dwar dak li hu għaddej.

50.7.20 Il-President qal kif fil-baġit dawn iridu jiġu ikkunsidrata.

50.7.21 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif il-baġit ta' din is-sena kien naqra baxx u qal kif is-sena d-dieħla nieħdu ħsieb biex mhux ikun esaġerat.

## 50.8 *Tender* - SPD5/2025/024 – *Tender for the Supply and Delivery of a New Electric Library Van for the Eastern Regional Council*

50.8.1 B'referenza għal din is-sejħa, il-President informa kif din is-sejħa kienet ġiet ippublikata mid-Dipartiment tal-Kuntratti nhar il-Ġimgħa 3 t'Ottubru 2025 u kif din is-sejħa hija miftuħa sal-Ħamis 30 t'Ottubru 2025. Hu nforma kif l-SPD ser tkun qed tiftaħ l-offerti nhar il-Ħamis u tinfurmana biex jinbeda l-proċess ta' l-evalwazzjoni.

50.8.2 Il-President informa kif il-kompożizzjoni tal-bord ta' l-evalwaturi kellha tinbidel peress li d-Dipartiment tal-Kuntratti qed jesiġu li kull evalwatur ikun attenda ċerta korsijiet mal-IPS. Għal din ir-raġuni fuq il-bord ta' l-evalwazzjoni, is-Sur Chris Falson ser ikun ic-Chairperson, is-Segretarju ser tkun Jeanette Galea, u membri ser ikunu s-Sa Andrea Borg Brincat, is-Sur Ryan Zammit u s-Sa Mandy Farrugia (is-Segretarju Eżekuttiv mill-Kunsill Lokali tal-Gżira). Il-Contracts Manager ser ikun is-Sur James Hamberger.

50.8.3 Il-President esprima kif hu kien diżappuntant kif il-bord kien kompost għax b'dan il-mod ma kienx qed ikun hemm kontribuzzjoni mill-membri tar-Reġjun biex ikunu evalwaturi.

50.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-membri kollha preżenti kif ftit tas-snin ilu lill-AKL u lir-Reġjun poġġewhom fuq skeda 16 u dan kien ifisser li kull sejħa ta' valur 'l fuq minn €10,000 (VAT eskluż) trid tinħareġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti wara li tingħata l-approvazzjoni meħtieġa mis-Segretarju Permanenti u mid-Direttur Ġenerali. Hi spjegat kif bħala evalwaturi ġew mitlub jattendu diversi korsijiet mill-Istituzzjoni tas-Servizz Pubbliku. Meta hi kienet infurmat dan kollu lill-President, hi spjegat kif hu ma xtaqx jattendi dawn il-korsijiet u għal din ir-raġuni kellu jiġi magħżul persuna oħra.

50.8.5 Hi kompliet tispjega kif bħala Reġjun għamlu kuntatt kemm mas-Sindki kif ukoll mas-Segretarji Eżekuttivi fi ħdan ir-Reġjun sabiex ikunu jistgħu joqgħodu huma fuq dan il-bord jekk kellhom il-kwalifikazzjonijiet neċessarji. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif l-unika persuna li kienet aċċettat li tattendi għal dawn il-korsijiet sabiex tgħid fl-evalwazzjoni kienet biss is-Sa Farrugia mill-Kunsill Lokali tal-Gżira.

50.8.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif ġaladarba tkun infurmata meta ser tkun qed tinżamm l-evalwazzjoni, hi offriet li tinforma lill-membri kollha biex min ikun jixtieq, jistà jkun preżenti biex isegwi l-proċess ta' l-evalwazzjoni u fakret ukoll kif xogħol l-evalwaturi ser ikun dak li jivverifika li l-offerti mressqa huma *compliant* u tkun tistà tingħata lill-orħos offerta mressqa.

50.8.7 Is-Sa Galea spjegat kif dan kellu jsir hekk għax ma kienx hemm għażla oħra u bħal ma qalet kemm-il darba fil-passat, reġgħet talbet sabiex il-President iressaq din il-problema fil-laqgħat ta' l-AKL u jiġi spjegat id-diffikultajiet li qed ikollna bħala Reġjun biex tiġi ppublikata sejħa.

50.8.8 ***18:33pm – Il-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, talbet li tkun skużata mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

## 50.9 *Sejħa għall-Offerti għal Servizz ta' Inġinier Mekkaniku għall-playing fields fi ħdan ir-Reġjun*

50.9.1 B'referenza għal din is-sejħa, il-President informa kif dan is-servizz ser ikun qed jiskadi f'Marzu 2026 u għal din ir-raġuni r-Reġjun irid jara jekk dan is-servizz hux ser jibqà jingħata lill-Kunsilli Lokali biex filkas jsiru l-preparamenti neċessarji sabiex tinħareġ sejħa fuq l-EPPS.

50.9.2 Il-membri preżenti qablu li dan is-serviz għandu jibqa jingħata lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun u għal din ir-raġuni r-Reġjun għandu jgħamel l-arranġamenti neċessarji sabiex tiġi maħruġa sejħa ta' offerti fuq is-sistema ta' l-EPPs.

## 50.10 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

50.10.1 Il-President informa lill-membiri preżenti kif nhar il-Ġimgħa 17 t'Ottubru, dan ir-Reġjun irċieva l-allokazzjoni finanzjarja ta' €828,620.88.

- *Pink October*

50.10.2 Il-President informa kif nhar il-Ħamis 30 t'Ottubru ser tkun qed tinżamm ediżjoni oħra ta' Pink October. Din is-sena d-donazzjonijiet miġbura ser ikunu b'risq Europa Donna. Qed isiru preparamenti sabiex tinżamm ukoll edizjoni oħra tal-Movember – logħba kontra l-priġuniera li jinsabu fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin nhar il-Ġimgħa 28 ta' Novembru 2025. Kif ukoll ser tinżamm tournament tal-boċċi ġewwa Ħal Lija nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2025. Komunikazzjoni dwar dawn l-avvenimenti ser tintbagħat ukoll. Din is-sena l-flus miġbura minn dawn l-avvenimenti ser tmur għal Malta Male Cancer Support Association

- *Kwotazzjonijiet*

50.2.3 Il-President informa kif dawn il-kwotazzjonijiet kienu ġew mressqa għall-membri preżenti

50.2.4 Hu informa kif il-water dispenser fl-uffiċċju tat-Tribunal Lokali kienet inkisret u għal din ir-raġun kien hemm bżonn li tiġi mixtrija oħra. Għal din ir-raġuni il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand Eco-pure għal prezz ta' €1,285.50.

50.2.5 Il-President informa kif is-servizz ta' Data Protection Officer kienet skadiet u għal din ir-raġuni reġgħu nġabru l-kwotazzjonijiet neċessarji. Il-membri preżenti approvaw l-orħos offerta provduta mingħand Boom Consultancy għal prezz ta' €2,832.00.

50.2.6 Il-President informa kif għal Regional Sports Day, ir-Reġjun ser ikun qed jipprovdi s-servizz ta' trasport mill-iskejjel għal post fejn ser tinżamm din l-attività u lura. Il-membri approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta minn Paramount Coaches għal prezz ta' €,1,062.00.

50.2.7 Il-President informa kif għal proġett *Waterise Interreg Euro-Med*, ir-Reġjun kellu bżonn ikollu *Financial Controller.* Għal din ir-raġuni l-membri preżenti approvaw l-orħose kwotazzjoni provduta minn Marco Bajada Erremme Insurance għal prezz ta' €3,900.00.

50.2.8 Il-President informa li għall-aveniment marbut mal-proġett bl-isem *O' Holy Nights – Chapel Train* kien hemm bżonn li jiġu approvata dawn is-servizzi:

- Event Management – l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Dynamic Events għal prezz ta' €531.00;
- Sound System – l-orħos kwotazzjonijiet kienet mingħand Tec Ltd għal prezz ta' €1,722.21;
- Sound System għal EnKor Choir – l-orħos kwotazzjoni mingħand Cornerhouse Studios għal prezz ta' €1,357.00;
- Shuttle Bus – l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Paramament Coaches għal-prezz ta' €413.00;
- Fotografija – l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand is-Sur Mark Soler għal prezz ta' €700.00;
- Sound System għal Ceci & Kris – l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Tec Ltd. Għal prezz ta' €1,173.00
- Videography – l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Cden Visuals għal prezz ta' €944.00

- ***L-Ikla tal-Milied 2025***

50.2.9 Il-President informa kif din l-ikla kienet qed tiġi proposta li tinżamm nhar il-Ġimgħa 9 ta' Jannar 2026 peress li matul ix-xahar ta' Diċembru kulħadd ikun impejat b'ikliet tax-xogħol u tal-familja u safar.

50.2.10 Il-membri preżenti espremew kif jippreferu li din tinżamm f'Diċembru.

50.2.11 Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil sabiex l-ikla tinżamm wara l-laqgħa tar-Reġjun li tinżamm f'Diċembru 2025. Kien hemm qbil li tinżamm bħala ikla filgħaxija nhar l-Erbgħa 187 ta' Diċembru 2025.

- ***SMARTER 15MC (Sustainable Multimodal Urban Transport Experiences in 15-Minute Cities - Esperjenzi ta' Trasport Urban Multimodali Sostenibbli fi Bliet ta' 15-il Minuta)***

50.2.12 B'referenza għal dan il-proġett, il-President spjegat għall-proposta mill-Prof. Maria Attard mill-Università ta' Malta, għandu l-għan li jappoġġja t-tranżizzjoni lejn kwartieri newtrali għall-klima u reżiljenti billi jtejjeb il-mobilità urbana u l-ispazji pubbliċi. Il-proġett jiffoka fuq l-integrazzjoni ta' modi ta' trasport differenti biex itejjeb il-kwalità u l-aċċessibilità tal-ivvjaġġar minn bieb għal bieb, u b'hekk jagħmel it-trasport sostenibbli aktar attraenti u inklużiv. Se jeżamina kif disinn ta' ċentru ta' mobilità aktar intelliġenti, l-imġiba tal-utent, u l-miżuri ta' politika jistgħu jtejbu l-esperjenzi tal-ivvjaġġar, l-aċċessibilità, u l-effiċjenza tas-sistema. L-inizjattiva se tesplora wkoll mudelli ta' governanza effettivi għall-ippjanar u ż-żamma ta' sistemi ta' trasport multimodali. *Planned living labs* se jsiru fi Graz, Utrecht, Madrid, u ż-żoni tal-laneċ tal-Grand Harbour u l-Marsamxett Harbour ta' Malta. L-ebda kunsill lokali ma oġġezzjona għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Lvant, u l-proġett mhux se jinvolvi spejjeż għar-Reġjun, peress li huwa ffinanzjat mill-UE.

50.2.13 Hu informa kif dwar dan kienet inżammet laqgħa onlajn u kien hemm approvazzjoni mill-Kunsilli Lokali.

- ***CONNECTiD - (CONsortium of Early Career Talent for scIence Diplomacy)***

50.2.14 B'referenza għal dan il-proġett, il-President informa kif ix-xjentist li qed taħdem magħna mis-CERN fil-progett ta l-iSTEM, ikkuntattjat lir-Reġjun rigward proġett ieħor li jippromwovi programm ta' taħriġ għal

riċerkaturi fix-xjenza. Jekk jiġi ffinanzjat, ir-Reġjun jista’ jaġixxi bħala konsulent indipendenti dwar Malta. M’hemm l-ebda flus jew kontribuzzjoni finanzjarja li r-Reġjun ikollu bżonn jagħti, sempliċement japprova l-programm.

50.2.15 Il-president irrakomanda kif din il-proposta għandha tiġi approvata u ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mill-membri preżenti.

- *Ċirkulari 4_2025 - Fondi għat-Taħriġ ta' Uffiċċjali u Membri Eletti fil-qasam tal-Gvern Lokali*

50.2.16 B’referenza għal din iċ-ċikulari, Il-President informa kif is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Manigers applikaw biex jattendu wieħed minn dawn il-korsijiet li qed jiġu offruta f’Lulju 2026. Hu qal kif mhux ser ikun hemm spejjeż maħruġa mill-finanzi tar-Reġjunu kif din iċ-ċirkulari ġiet iċċirkulata wkoll mir-Reġjun għall-attenzjoni ta’ kulħadd.

- *CERN VISIT*

50.2.17 Il-President informa kif l-ispejjeż għar-Reġjun biex iġib ix-xjenzat minn CERN biex jagħti *lecture* pubblika (inklużi t-titjiriet u l-akkomodazzjoni) huma ta’ €700. Bħala Reġjun kif hemm allokat baġit ta’ €1,200 ta’ kontinġenza mill-'Fond Komunitarju STEM' biex ikopru dawn l-ispejjeż, għalhekk minn dak il-lat ir-Reġjun ser ikun kopert. Id-dati huma mill-20 ta’ Jannar sal-24 ta’ Jannar. It-taħdita se ssir fil-21 ta’ Jannar fil-Kampus tal-UM Msida. Għall-jiem l-oħra, u spjega kif qed jiġi propost li jiġi ntorodott lid-delegat lill-membri tal-komunità STEM tagħna u lil Esplora biex insaħħu aktar ir-riżultati tal-proġett tagħna.

- *VR Tours*

50.2.18 Il-President informa kif nhar il-Ġimgħa 17 t’Ottubru 2025 hu flimkien mal-Maniger tal-Kultura, James Hamberger, u s-Sur Ronald Balzan attendew għall-laqgħa mal-Malta Tourism Authority biex tiġi ppreżentata proposta sabiex dan il-proġett jikber u jkun hemm il-finanzjament meħtieġa.

50.2.19 Il-President informa kif bi pjaċir dan il-finanzjament ġie approvat u r-Reġjun qed jistenna l-abbozz tal-kuntratt. Il-finanzjament totali se jkun ta’ €90,000, mifrux fuq tliet snin. Hu informa kif dawn l-ispejjeż se jkopru l-ħolqien ta’ *tours* ġodda, il-manutenzjoni tal-websajt, il-ħolqien ta’ tabletop book, il-ħolqien ta’ films VR u l-esportazzjoni ta’ din il-websajt barra minn Malta.

- *One Square Mile*

50.2.20 Il-President informa kif nhar it-Tnejn 27 t’Ottubru 2025, is-Sur James Hamberger attenda laqgħa mal-MTA dwar proġett li qed jaħdmu fuqu. Hu spjega kif l-għan ta' dan il-proġett huwa li l-MTA taħdem mal-Kunsilli Lokali biex tidentifika siti ta' wirt ta' interess f'kull lokalità għal promozzjoni aħjar. Se jsir reġistru li jiddettalja d-dettalji ta' dawn is-siti, inklużi l-ħinijiet tal-ftuħ u d-dettalji ta' kuntatt. Matul il-laqgħa, ir-Reġjun irrakkomanda li l-MTA titkellem mal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Fondazzjoni Maltija għall-Artiġjanat sabiex jingħaqdu l-isforzi fuq il-mapping. Issuġġerixxejna wkoll li virtualmalta tiġi integrata f'dan il-proġett. Għalissa, l-MTA tixtieq titkellem direttament mal-Kunsilli Lokali fir-Reġjun tagħna biex tibda tidentifika siti. Huma talbu lir-Reġjun biex jgħinhom billi jipprovdulhom id-dettalji ta' kuntatt u jorganizzaw laqgħat. Kull Kunsill li jixtieq jieħu sehem għandu jkellem lill-Maniġer tal-Kulutra biex jirreġistra l-interess tiegħu.

50.2.21 Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

- *Aġenzija Żgħażagħ*

50.2.22 Il-President informa kif nhar it-Tlieta, 28 ta' Novembru, il-Maniġer Responsabbli mill-Ambjent kellha laqgħa onlajn mas-Sur Simon Schembri mill-Aġenzija Żgħażagħ biex jiddiskuti l-organizzazzjoni ta' sessjoni ta' informazzjoni għas-sindki, is-Segretarji Eżekuttivi, u l-Kunsilliera responsabbli mill-affarijiet taż-żgħażagħ.

50.2.23 Hu spjega kif is-sessjoni, ippjanata li ssir filgħaxija bejn nofs Novembru u l-bidu ta' Diċembru, se tiffoka fuq kif il-kunsilli lokali jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod effettiv maż-żgħażagħ, jiġbru l-feedback, l-opinjonijiet u s-suġġerimenti tagħhom, u jesploraw kif l-Aġenzija tista' tappoġġja u tiffaċilita dan il-proċess. Aktar dettalji dwar id-data, il-ħin u l-post eżatti tas-sessjoni ta' informazzjoni se jiġu kkomunikati dalwaqt.

## 50.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

50.11.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

50.11.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 47A u 47B.

50.11.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 50.12 Mozzjonijiet

50.12.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 50.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

50.13.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Novembru 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 17 ta' Novembru, 2025.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv